# San Ġużepp fil-Ħajja tal-Beata M. Adeodata Pisani OSB

kitba ta' Joseph Flask



## Daħla

Illum qed ngħixu f'dinja mgħaġġla, nitkellmu, mmorru minn post għall-ieħor u anki nitolbu: kollox bil-għaġġla.[1] Naħseb, bħali ġralkom, li xi darba jew oħra, smajtu Quddiesa li bilkemm damet kwarta, jew rajtu l-parti l-kbira tan-nies joħorġu 'l barra hekk kif is-Saċerdot ikun għadu lanqas spiċċa jagħti l-Barka tal-Aħħar. Inkella, kontu xi darba preżenti għar-reċita tar-Rużarju, u min kien qed jgħidu kien għaddej b'veloċità li lanqas tlaħħaq miegħu u...ħadd ma jgħid xejn! Biex ma nsemmux il-Qari tal-Kelma ta' Alla: iktar moħħna biex intemmu l-qari malajr kemm jista' jkun milli attenti biex nifhmu u nwasslu l-ispirtu tal-Kelma li ġejja minn Alla.

San Benedittu[2], wasal fejn wasal, u r-Regola u l-Ordni tiegħu għadhom attwali anki fi żmienna, minkejja li għaddew mal-1500 sena, għaliex, ta' espert li kien tal-Kotba Mqaddsa, mhux biss għaraf il-qawwa tal-Kelma imma għaraf jagħti l-ħin kollu meħtieġ biex il-Kelma taħdem fih u jgħixha. B'hekk seta' jgħaddiha lil dawk li għażlu u anki llum għadhom jagħżlu li jimxu warajh fit-triq tal-Qdusija, biex filwaqt li jfittxu lil Alla, jiksbu l-perfezzjoni. San Benedittu, kien għal żmienu u hekk għadu sal-lum: bniedem ġdid. Kien Qaddis biżżejjed biex jieħu deċiżjonijiet kontroversjali, imma wkoll kuraġġuż tant, li għamel ħwejjeġ li ħadd qablu ma għamel bħalhom fosthom it-tnedija ta' Komunitajiet li jgħixu ħajja flimkien taħt it-tmexxija tal-Abbati, skont il-prinċipji mfassla minnu stess, fir-Regola Qaddisa. San Benedittu, fehem is-saħħa tal-Kelma ta' Alla u għalhekk, b'għemilu u f'kitbietu saħaq li mportanti li l-bniedem jisma' bir-reqqa u jwieġeb għas-sejħa ta' Alla li jinsab kullimkien: "Inqisu tajjeb, mela, kif jenħtiġilna nġibu ruħna quddiem il-preżenza ta' Alla u tal-Anġli tiegħu u għaldaqstant ma għandna ninsew qatt kliem il-Profeta: Għannulu bis-sengħa għanja sabiħa."[3] Skont ir-Regola, il-Kelma ta' Alla tinqara waqt ħin l-ikel, siltiet mill-Kotba Mqaddsa jinqraw mal-wasla tal-mistednin fil-Monasteru, u fuq kollox lin-Novizzi. Għaraf ukoll id-dgħufija umana u għalhekk lil min irid iħabrek fit-triq tal-perfezzjoni u tal-ħajja monastika jissuġġerixxi l-qari tal-Kelma u jishaq: "Liema paġna, fil-fatt, jew liema kelma mnebbħa mit-Testment il-Qadim jew mit-Testment il-Ġdid, mhijiex prinċipju tajjeb li fuqu l-bniedem għandu jfassal ħajtu?"[4] Huwa kien konvint li t-tlissin tal-kliem ma kienx biżżejjed, u l-qari tal-Kelma kellu jinbidel f'imħabba lejn Alla. Mhux biss eżerċizzju tal-moħħ imma l-Kelma ta' Alla ssir Talba, aktarx fis-skiet (*Lectio Divina*) li tinżel fil-qalb, tnaddaf il-moħħ u ssaffi r-ruħ ħalli l-Monaku/is-soru Benedittina tal-Klawsura ssir ħaġa waħda m'Alla.[5]

Biex żgur moħħu u moħħ dawk li għażlu u għadhom jgħażlu li jimxu warajh, ikun immirat esklussivament lejn Alla, San Benedittu, ried li l-bażi tat-Talb tikkonsisti fir-reċta tas-Salmi (l-Uffiċċju Divin, il-Brevjar), li għandhom jingħadu jew jitkantaw f'ħinijiet stabbiliti matul il-jum. Fl-aħħar mill-aħħar, is-Salmi huma għanjiet u siltiet poetiċi li fil-Liturġija Lhudija, kienu forma ta' Talb li Kristu stess kien ikanta jew jgħid flimkien mal-Komunità. Ir-reċta tas-Salmi tiżboq kull forma ta' Talb ieħor u t-Talb għandu jkun dejjem indirizzat lil Alla.

## L-Ordni Benedittin u l-Qaddisin

Din id-Daħla, anki jekk forsi daqsxejn twila, ħassejt li kelli nagħmilha biex il-qarrej jifhem aħjar dak li se nikteb dwaru u jkollu stampa ċara tal-pożizzjoni ta' San Benedittu u tal-Ordni Benedittin in ġenerali, fir-rigward tad-Devozzjoni lejn il-Qaddisin. Huwa f'dan il-kuntest li wieħed jista' jikteb fuq id-devozzjoni, li l-Beata Marija Adeodata Pisani OSB, kellha lejn San Ġużepp. Dwar dan, jiena diġa' tarraft xi ħaġa, sentejn ilu fil-Programm tal-Festa li tippubblika s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Kirkop,[6] imma fil-kitba li nixtieq inwasslilkom, se nkompli nelabora aktar u nagħti dettalji.

Kif ippruvajt infiehem fid-Daħla, San Benedittu, permezz tar-Regola Qaddisa imfassla minnu, u bit-tagħlim tiegħu, ried espressament, li t-Talb tal-Monaċi u tas-Sorijiet Benedittini kollha, ikun ibbażat fuq il-Kotba Mqaddsa, jiġifieri, ir-Reċta tas-Salmi, l-Uffiċċju Divin/il-Brevjar, jew kif inhi magħrufa



llum il-Liturġija tas-Sigħat. Skont ir-Rit Monastiku, il-Liturġija tas-Sigħat, tikkonsisti f'żewġ skemi prinċipali A, u B, l-aktar waħda li tintuża.[7] Fl-iskema B, il-150 Salm jistgħu jingħadu jew jitkantaw f'ġimgħa waħda, skont ix-xewqa espliċita tal-Patrijarka minn Norcia,[8] iżda, minħabba ċerti esiġenzi tal-lum, ir-reċta tas-Salmi kollha tista' tinfirex fuq ġimgħatejn. San Benedittu b'hekk qed jenfasizza li xejn m'għandu jfixkel il-moħħ waqt it-Talb, permezz tas-Salmi ovvjament. Għalhekk, fl-istess Regola, San Benedittu huwa perentorju: "Xejn m'għandu jieħu post it-Talb"[9] u l-aċċenn għall-Qaddisin, huwa ferm limitat, anzi, naħseb li lanqas biss huwa definit. Prattikament, San Benedittu, jaċċenna darbtejn għall-Qaddisin,[10] imma, f'ebda ħin ma jheġġeġ biex tingħata qima partikulari lil xi Qaddis jew ieħor.[11]

Il-Kapitlu 14 tar-Regola: L-Uffiċċju tal-Qari fil-Festi tal-Qaddisin,[12] anki jekk sa mill-isem huwa limitat għall-Festi tal-Qaddisin, fl-ewwel vers jissemmew il-Qaddisin "Fil-Festi tal-Qaddisin"[13] imma, hekk kif wieħed ikompli jaqra dlonk jintebaħ li l-Kapitlu jirreferi wkoll speċifikament "u fis-Solennitajiet l-oħra..."[14] jiġifieri s-Solennitajiet tal-Knisja, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Mulej.[15]

Biex il-qarrej jifhem aħjar x'hemm marbut ma' dan il-Kapitlu tar-Regola ta' San Benedittu, se nagħti ħjiel dwar il-Kalendarju Ruman li seta' ntuża fi żmien San Benedittu. It-tagħrif ksibtu mill-*Chronographia 354*, għax kompilata fis-sena 354,[16] u l-*Feriale Filocalus*[17] li jinkludi wkoll is-sensiliet *Depositiones Episcoporum*[18] u *Natilitia Martyrum*.[19]

Ftit li xejn kienu jeżistu Festi tal-Qaddisin, ġeneralment f'lokalitajiet partikolari u żgħar, fejn kien hemm il-fdalijiet mortali tal-Martri, li aħna nsibuh bħala l-Korp Sant, jew xi Relikwa tiegħu jew tagħha. Fis-seklu VI id-drawwa tal-Festi nfirxet u fin-nuqqas tal-Korp Sant, il-preżenza ta' Relikwa kienet biżżejjed biex issir Festa. Ir-Relikwa ġieli kienet tkun biċċa drapp li ntmess mal-qabar jew mal-post fejn kien hemm midfun il-Qaddis/a, nafu bi ftit frak mill-ktajjen tal-Appostli San Pietru u San Pawl, xi skalda żgħira ħafna mis-Salib Mqaddes, eċċ.[20] Dawn il-Festi kienu jiġu ċċelebrati, bil-preżenża tal-Isqof u tal-Poplu t'Alla f'okkażjonijiet ta' Dedikazzjoni ta' xi Knisja jew Konsagrazzjoni ta' xi Altar. Ma kienx jitfakkar biss Jum il-Mewt tal-Qaddisin iżda wkoll Jum it-Twelid. Kienu jsiru ċelebrazzjonijiet kbar fis-Solennitajiet tal-Mulej: il-Milied, l-Epifanija, l-Għid, u Pentekoste u kultant, waħdiet, xi Festa tal-Madonna. Kienu jsiru Festi anki f'ġieħ xi Qaddisin partikulari bħal San Ġwann il-Battista, ta' wħud mill-Appostli, jew tal-Martri l-iktar magħrufa bħal San Stiefnu, San Lawrenz, San Vinċenz, Sant'Anjeże, il-Qaddisin Kożma u Damjan.[21]

Għalkemm San Benedittu donnu jrid jagħmel distinzjoni bejn "Il-Festi tal-Qaddisin" u "s-Solennitajiet l-oħra..." l-indikazzjoni, imma, hija pjuttost ġenerika u mhijiex ċara, anki minħabba l-fatt li l-Knejjes fil-lokalitajiet kienu jużaw il-Kalendarju tagħhom. Interessanti, xorta waħda, li San Benedittu, jagħti tant importanza li jisħaq biex "l-Uffiċċju tal-Qari jingħad bħal nhar ta' Ħadd."[22] Jiġifieri li r-Rit ta' din il-parti tal-Lituġija tas-Sigħat, ikun festiv "Iżda s-Salmi, l-Antifoni u l-Lezzjonijiet, ikunu tal-ġurnata"[23] tal-Festa proprja. San Benedittu, ried jassigura li l-Festi tal-Qaddisin u s-Solennitajiet ikollhom is-sura u l-qies li tixirqilhom.[24] Huwa, kien jaf li diġa' kienet teżisti Tradizzjoni Liturġika qadima, marbuta mal-Festi tal-Mulej u tal-Qaddisin u ma jidhirx li b'xi mod ried iwarrabhom, almenu, skont dak li stqarr huwa stess, f'dan il-Kapitlu tar-Regola. Fil-Festi msemmija kienu jinqraw siltiet mill-Omeliji ta' Santu Wistin, ta' San Ċeżarju minn Arles jew Qari ieħor mis-Sagrametariji Rumani u dan jagħti wieħed x'jaħseb li dak li llum huwa magħruf bħala il-"Proprju tal-Qaddisin", kellu l-bidu tiegħu ferm qabel San Benedittu. Iktar tard, minħabba li ċerti Qaddisin kienet issirilhom Festa akbar, bħal San Valentinu u San Silvestru, żdiedu Festi oħrajn li tqassmu f'Kategoriji: Komun tal-Verġni, Komun tal-Konfessuri, eċċ.[25]

Fil-kuntest tal-limitazzjoni tal-Festi għal ċerti lokalitajiet, l-istess jgħodd għad-devozzjoni lejn xi Qaddisin partikulari li żgur qatt ma kienet parti sħiħa mit-Tradizzjoni Monastika Benedittina tal-bidu. Madankollu, San Benedittu, mill-ewwel adatta l-Kalendarju Monastiku ma' dak tar-Rit Ruman inklużi l-Kalendarji tal-Knejjes partikulari, speċjalment f'dak li jirrigwarda ċelebrazzjonijiet ta' Festi ta' Qaddisin tal-Knisja Universali. Ta' min isemmi li fl-Arċiabbazija ta' Montecassino kien San Benedittu nnifsu li bena Knisja f'ġieħ San Ġwann il-Battista u oħra f'ġieħ San Martin minn Tours u kienu jsirulhom festi kbar bħalma kienu jsiru wkoll fl-okkażjoni tas-Solennitajiet tal-Mulej, tal-Madonna u ta' xi ftit Qaddisin oħra.[26] Dan jagħmel sens u juri kemm kien konvint San Benedittu meta kiteb il-Kapitlu 14 tar-Regola.

San Benedittu jerġa' jirreferi għall-Qaddisin, fil-Kapitlu 58 tar-Regola.[27] "In-Novizz fil-Knisja tal-Monasteru, quddiem il-Komunità, kif ukoll quddiem Alla u l-Qaddisin tiegħu..."[28] jagħmel voti ta' Stabbiltà fil-Monasteru ta' dik il-Komunità partikulari, Bidla tad-Drawwiet li tfisser iċ-ċaħda ta' dak kollu li jappartjeni lid-dinja[29] u ta' Ubbidjenza lill-Abbati. Fil-bidu tal-proċedura, li ssir fuq l-Altar, in-Novizz, kien jagħmel il-wegħda tiegħu, taħt forma ta' Talba – *Petitio*, li għalkemm bil-fomm,



xorta waħda hija kienet importanti biex in-Novizz jitħalla jissieħeb mal-Komunità. San Benedittu, ried jagħti mportanza lil din iċ-ċerimonja, li ma kinitx biss proċedura simbolika, għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma l-Qaddisin, flimkien mal-Abbati u l-Komunità, li jilqgħu it-Talba tan-Novizz. Id-dħul fil-Monasteru kien jitlob impenn, kif għadu sal-lum, u konsegwentement il-Professjoni Monastika titqies bħala kuntratt uman-divin li jwassal biex in-Novizz isir parti sħiħa mill-Komunità u l-Mulej jilqa' b'idejh miftuħa min ikun għażel li jagħti lilu nnifsu għalih, għal dejjem.[30]

Il-Kapitlu 58 ikompli "Ta' din il-wegħda jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub f'isem il-Qaddisin kollha li tagħhom jinżammu r-Relikwi f'dik il-Knisja u f'isem l-Abbati preżenti."[31] Il-Qaddis minn Norcia, akkademikament kien trawwem f'Ruma fejn studja sewwa l-Liġi, id-Dritt Ruman, għaldaqstant jitlob li n-Novizz, jifformula Dokument, li sar magħruf bħala l-Karta tal-Professjoni, miktub bl-idejn minnu stess, u b'hekk jagħti saħħa u awtentiċità ta' dak li wiegħed u joffri garanzija lill-Monasteru għall-ħalfa li n-Novizz ikun għamel.[32] Effettivament, Talba bil-fomm biss ma tiswa' xejn u biex tassew ikun rabta, kull Talba trid issir bil-miktub u tkun awtentikata mill-firmatarju. Il-Karta tal-Professjoni, tant għandha mportanza, li wara ċ-ċerimonja, kienet u għadha, tintrefa' fl-Arkivju tal-Monasteru u f'każ li dak li jkun jitlaq mill-Monasteru ma terġax tingħatalu lura. Maż-żmien il-proċeduri nbidlu, u l-Karta tal-Professjoni tithejja minn qabel u tinqara b'leħen għoli, f'riġlejn l-Altar, dak in-nhar stess tal-Professjoni. Daħlet ukoll id-drawwa li n-Novizz iżejjen b'mod artistiku il-Karta tal-Professjoni. Magħrufa, u hija miżmuma b'għożża kbira fil-Monasteru San Pietru-Mdina, il-Karta tal-Professjoni tal-Beata Marija Adeodata Pisani OSB.[33]

Il-Qaddisin imsemmija f'dan il-Kapitlu tar-Regola, huma dawk li r-Relikwi tagħhom jinsabu taħt l-Altar jew inkellha xi mkien ieħor fl-istess Knisja. San Benedittu jqishom bħala s-Sidien u l-għassiesa ta' dak il-Monasteru daqs l-Abbati li jmexxi dik il-Komunità Monastika partikulari. Ta' min jgħid ukoll li bir-riferenza għall-Qaddisin u għall-Abbati, fil- Kap. 58, vers 19, jista' jkun, li San Benedittu, ta' bniedem previdenti u metikoluż li kien, ried jagħti dettalji preċiżi: id-data, x'Festa kienet, min kien l-Abbati, min kien in-Novizz u fejn saret iċ-ċerimonja,[34] mhux biss biex jinżammu fl-Arkivju tal-Monasteru, iżda wkoll, għall-għanijiet ta' riċerka iktar 'il quddiem.

## Il-Beata M.Adeodata, u d-Devozzjoni lejn il-Qaddisin

Naħseb kont ċar biżżejjed, b'dak li ktibt s'issa, u kulħadd fehem li d-devozzjoni lejn il-Qaddisin, żgur m'hijiex parti mit-Tradizzjoni Monastika, ukoll jekk, bħalma kien isir f'Montecassino, Monasteri u Abbaziji oħrajn, apparti s-Solennitajiet tal-Knisja, u wħud tal-Madonna, seta' kellhom devozzjonijiet speċjali u kienu jagħmlu Festi partikulari f'ġieħ dan/din jew dak/dik il-Qaddis/a. Hekk kienet is-sitwazzjoni anki fi żmien il-Beata M.Adeodata, jiġifieri, qed nitkellmu fuq medda ta' iktar minn għaxar sekli. Tul l-aħħar żewġ sekli kien hemm żviluppi varji, dwar id-devozzjonijiet lejn il-Qaddisin u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi tagħhom. Ċerti ċirkustanzi marbutin mal-Ġrajjiet Storiċi, Kulturali, Politiċi u Soċjali, kienu determinanti biex anki l-Ordni Benedittin jiżvija mill-Kariżma tal-Fundatur, u għal diversi raġunijiet, ħafna Monasteri u Abbaziji, intelqu u mxew max-xejra taż-żmien. Illum, fortunatament, il-mentalità reġgħet bdiet tinbidel, u l-Komunitajiet Benedittini, kemm tal-Irġiel kif ukoll tan-Nisa, li jidhru ħerqana li jgħixu tassew il-ħajja Monastika u Komunitarja skond ir-Regola, qed jiżdiedu.

Il-Beata M.Adeodata kienet wild is-seklu XIX u għalhekk, il-Fidi tagħha kienet primarjament ibbażata fuq it-Talb bil-fomm jew miktub, u d-devozzjonijiet lejn il-Qaddisin. Minħabba fit-trobbija li kellha u fid-dawl tal-ħajja spiritwali ta' dak iż-żmien, anki meta daħlet fil-Monasteru, hija kienet pjuttost tinsisti li jsir talb speċjali fl-Avvent, fil-Milied, tul ir-Randan, fil-Ġimgħa l-Kbira, fl-Għid, f'Pentekoste jew fit-Trinità Qaddisa. F'xi festi tal-Madonna l-aktar nhar id-Duluri, inkella f'ġieħ l-Anġli speċjalment l-Anġlu Kustodju. Kull okkażjoni u kull mument tal-ġurnata kienu tajbin biex tikteb xi Talba f'ġieħ dan jew dak il-Qaddis fosthom, ewlieni, San Ġużepp. Spiss kienet tniedi Noveni u Kurunelli u tħeġġeġ lil ħutha s-Sorijiet jissieħbu magħha fit-Talb. Maż-żmien, hekk kif saret aktar midħla tal-Ispiritwalità Monastika Benedittina, bdiet tagħti mportanza akbar lill-Liturġija tas-Sigħat, u bħalma stqarrew bosta xhieda waqt il-Proċess Appostoliku, qatt ma naqset li tinżel fil-Kor għar-reċita tal-Uffiċċju Divin, sa l-aħħar jum ta' ħajjitha.[35] Kienet tħobb ukoll il-Meditazzjoni u tgħaddi mumenti twal, anki bil-lejl, titlob fis-skiet, quddiem it-Tabernaklu. Fil-Monasteru ħabirket kemm felħet biex tkattar l-imħabba u d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija. Fost l-għanijiet primarji tagħha ta' min isemmi d-dedikazzjoni sfieqa u l-osservanza tal-ħajja monastika u komunitarja.[36]

L-osservanza tal-Ħajja Monastika saret iktar importanti fil-ħajja tal-Beata M. Adeodata, l-aktar, wara l-mewt ta' Soru fil-Monasteru San Pietru, Swor M.Fortunata, li skont il-Beata, kienet tassew eżemplari fil-ħarsien tar-Regola u minn tal-ewwel biex tattendi għall-atti komuni. Tant hu hekk, li l-Beata, iddeċidiet li tfassal dak li jista' jissejjaħ "Il-Kalendarju tal-

Virtujiet tal-Qaddisin". Il-Kalendarju, m'għandux sekwenza regolari fil-ġranet, u anki l-Qaddisin tal-ġurnata, mhumiex dawk li nafu llum. Mhux magħruf għaliex, imma, il-Kalendarju hu mifrux fuq l-ewwel sitt xhur tas-sena biss u jikkonsisti f'sitt Manuskritti, wieħed għal kull xahar. Jannar u Frar, fihom ħames paġni, Marzu, paġna waħda, filwaqt li April, Mejju u Ġunju fihom żewġ paġni kull wieħed.[37] Mhux magħruf għaliex il-Beata, fasslet dan il-Kalendarju biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Qaddisin, b'mod partikulari lejn dawk li għixu ħajja osservanti kemm tar-Regola, mhux neċessarjament Benedittina, kif ukoll tal-Ħajja Komuni. Huma Qaddisin li ftit li xejn smajna bihom, b'ismijiet mhux tas-soltu li jistgħu ukoll jkunu strambi, u għalina forsi, ma jfissru assolutament xejn. Għaliha, iżda, kienu ta' kuljum xprun biex timitahom fil-ħarsien tar-Regola u d-dixxiplina tal-Ħajja Komuni, fl-ispiritwalità, il-ħeġġa fit-talb, id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, il-ħajja ta' sagrifiċċju, fil-Penitenza, l-Ubbidjenza lejn is-Superjuri, l-Umiltà u l-prattika tal-Virtujiet l-oħra, iċ-ċaħdiet mill-ħwejjeġ tad-dinja u żejda, l-imħabba lejn il-Proxxmu u li tkun dejjem eżempju għall-oħrajn. Il-Kalendarju jfisser ċar b'liema determinazzjoni u rieda qaddisa għexet tassew din ir-realtà tul iż-żmien kollu tal-ħajja tagħha[38] bħala Soru Benedittina tal-Klawsura, fil-Monasteru San Pietru-Mdina.[39]

Minbarra l-Qaddisin imsemmija fil-Kalendarju, il-Beata kienet spiss titlob b'ħerqa kbira lil San Benedittu, lil Santa Skolastika, lil San Plaċidu u San Mawru u Qaddisin Benedittini oħrajn inkella wħud li kellhom rabta sew mal-Ordni Benedittin bħal San Bernard ta' Clervaux. Ġieli, imma, kienet issemmi qaddisin oħra: bħal San Mikiel, San Rafel, San Pietru u San Pawl, Santa Tereża minn Avila li kienet tħobb issejħilha "mia maestra di virtù", San Ġwann tas-Salib, Santa Ġetrude, San Franġisk, Santa Kjara, Sant'Antnin ta' Padova, Santa Marija Maddalena de' Pazzi u San Alwiġi.

## Il-Beata M.Adeodata u d-Devozzjoni lejn San Ġużepp

Għalkemm San Ġużepp minn dejjem, kien Qaddis popolari, xorta waħda bħall-Qaddisin l-oħra, ma kienx igawdi devozzjoni speċjali, fi ħdan l-Ordni Benedittin. Il-Festa f'ġieħu, ukoll jekk hemm ħjiel li kienet ilha ssir,[40] kien biss fis-seklu X, li bdiet tkun iċċelebrata mill-Monaċi Benedittini. Apparti li ma jissemmiex fir-Regola ta' San Benedittu, id-devozzjoni lejn San Ġużepp tant kienet limitata, li fl-Abbaziji u fil-Monasteri, ma kienx jissemma', ħlief forsi waqt il-qari tas-siltiet mill-Evanġelju konnessi ma' dan il-Qaddis. L-isem Ġużeppi, beda jingħata lill-Monaċi hekk kif bdiet tinxtered id-devozzjoni lejn dan il-Qaddis. Ftit nafu b'Abbaziji jew Monasteri msemmija f'ġieħ San Ġużepp, żgur mhux qabel is-seklu XIX. Fl-Abbaziji jew Monasteri wkoll, qajla kont issib xi statwa dedikata lilu, inkella xi pittura għajr forsi xi minjatura f'xi Koral jew Missal. Ironikament mbagħad l-ewwel Kotba Liturġiċi proprji, għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp tfasslu u ddammu fl-Abbazija Benedittina San Lawrenz ta' Liege, fil-Belġju.[41]

Meta jitqies dan kollu, tikseb tifsira qawwija, f'kull sens, id-devozzjoni kbira li kellha il-Beata M. Adeodata lejn San Ġużepp. Qabel ma nidħol fid-dettal u nirreferi għad-devozzjoni li hija kienet tħaddan, mingħajr ma nieħu fit-tul, ippermettuli nikkwota siltiet, minn dak li stqarrew diversi xhieda, taħt ġurament, waqt il-Proċess Appostoliku.[42] Fil-POSITIO, dak li intqal mix-Xhieda, miktub bit-Taljan, imma għall-kumdità ta' kulħadd, qlibt l-istqarrijiet, għall-Malti.

## Minn fomm ix-xhieda

*Minn kliemha wieħed seta' jifhem li hija kellha devozzjoni partikolari lejn San Ġużepp.[43]

*Kienet devota tal-Patrijarka San Ġużepp, u b'ħeġġa liema bħalha kienet tagħmel in-Novena f'ġieħu. Il-kliem li kienet tlissen, waqt li tikkonsidra u tikkontempla n-niket u l-ferħ(tal-Qaddis), ghadhom jidwu f'widnejja.[44]

*Kienet tkellimna fuq id-devozzjoni kbira li kellha lejn San Ġużepp.[45]

*Kienet ukoll devota ħafna ta' San Ġużepp.[46]

*Hija kienet tħaddan fidi ħajja u dan kienet turih billi tkellimna spiss fuq ħwejjeġ reliġjużi...speċjalment fuq il-Patrijarka San Ġużepp.[47]

*Ma kinitx nieqsa mid-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, u kienet tħobb tfaħħar il-virtujiet tiegħu.[48]

*Dejjem kienet theġġiġni nħobb lil Ġesù, lill-għażiża Ommu, u lill-Missieru Putattiv San Ġużepp.[49]

*Daqstant ieħor kienu frekwenti il-ġakulatorji f'ġieħ...u San Ġużepp.[50]

Minn dawn is-siltiet qosra, faċli wieħed jirrealizza, meta titqies id-devozzjoni kbira li kellha lejn il-Qaddisin, liema post speċjali kellu San Ġużepp. Personalment, u naħseb li mhux żbaljat, li d-devozzjoni tagħha lejn San Ġużepp kienet speċjalissima u kienet miġbuda lejh iktar minn kull Qaddis ieħor għaliex hija bħalu kienet tghix ħajja moħbija, fis-skiet u l-ġabra, fix-xogħol, wara l-erba' ħitan tal-Monasteru. San Ġużepp għex kważi dejjem fil-ġenb, anki jekk ħajtu kienet marbuta bis-sħiħ ma' Ġesù, u indirettament kellu sehem fil-Misteru tal-Fidwa. Għalkemm nobbli, il-Beata wkoll kienet tħobb toqgħod fil-ġenb, u qatt ma ftaħret bin-nisel tagħha u kienet tieħu għaliha u ċċanfar, anki jekk bil-ħlewwa lil min kien isejħilha Barunissa.


1884. Una Statua portatile di S. Giuseppe portante sul braccio destro il Bambino e colla mano sinistra tenente un bastone con gigli l'uno e l'altro d'argento, avente esso e il Bambino sulla testa un diadema d'argento. Dono del Signor Giuseppe Agius.

Tajjeb ukoll nikkwota siltiet marbutin mad-devozzjoni li l-Beata kellha lejn San Ġużepp.[51]

## Siltiet mill-*POSITIO*

* "...inħoss li għandi nitlob l-għajnuna ta' San Ġużepp....". "Nixtieq l-għajnuna tiegħu, u li jidħol għalija quddiem Alla. Nixtieq ukoll li jkun l-Avukat tiegħi f'ħajti u f'mewti, u nitolbu jgħinni f'dak kollu li neħtieġ, jeħlisni mit-tentazzjonijiet, u bl-interċessjoni tiegħu, bil-merti ta' Ġesù Kristu jikseb għalija l-ħniena divina, u tikber fija l-imħabba lejH".[52]

* "Nhar ta' Erbgħa nikkunsidra u nikkontempla il-Ferħ ta' San Ġużepp".[53]

* "Lejlet l-Avvent inwiegħed li.... Ta' kuljum nagħżel u nikkontempla Massima fuq il-virtujiet tal-Qaddis Bambin u noffrihielu permezz ta' San Ġużepp".[54]

* "Ngħid Glorja f'ġieħ San Ġużepp u nitolbu jippreżenta lil Ġesù Tarbija l-mitt Att ta' Mħabba tiegħi".[55]

* "Fl-ewwel jum nitlob għas-Suppervi... u nagħmel tliet atti ta'umiljazzjoni f'ġieħ l-umiltà ta' San Ġużepp filwaqt li noffri l-umiljazzjonijiet li sofra lit-Trinità Qaddisa". "Fit-tieni jum nitlob għax-Xħaħ... nagħti xi ħaġa lill-Fqar f'ġieħ il-Karità li kien jagħmel San Ġużepp u noffriha lit-Trinità Qaddisa filwaqt li ngħid *Sliema u Glorja*". "Fit-tielet jum nitlob għal dawk li jagħtu ruħhom għaż-Żina... ngħid tliet *Ave* u tliet *Glorja*, f'ġieħ il-purità ta' San Ġużepp u noffri dan il-ġilju lit-Trinità Qaddisa". "Fir-raba' jum nitlob għal min Jinkorla... noffri lil Ġesù Kristu l-Għaqal li dejjem wera San Ġużepp f'ħajtu. Ngħid tliet *Ave* u tliet *Glorja* f'ġieħ il-qalb għaqlija tiegħu". "Fil-ħames jum nitlob għall-Għajjurin... filwaqt li nifraħ meta nara min jixtieq il-ġid lil ħaddieħor, u dispjaċir għal min jixtieq id-deni, noffri lit-Trinità Qaddisa l-ferħ li dejjem wera f'ħajtu San Ġużepp meta kien jara lil xi ħadd jixtieq il-ġid lill-għajru". "Fis-sitt jum nitlob għal dawk li jħobbu l-Ikel u x-Xorb żejjed... noffri lit-Trinità Qaddisa il-ġuħ u t-tbatijiet li sofra San Ġużepp f'ħajtu, billi niċċaħħad minn xi ħaġa tal-ikel filwaqt li ngħid *Ave* u *Glorja*". Fis-seba' jum nitlob għad-Dagħajja... noffri t-tifħir li tul ħajtu San Ġużepp kien jagħti lil Alla, ngħid tliet *Ave* u tliet *Glorja* f'ġieħ il-qalb kbira tiegħu". "Fit-tmien jum nitlob għaż-Żeffiena... ngħid seba' *Ave* u seba' *Glorja* f'ġieħ il-qalb muġugħa ta' San Ġużepp u għal dak kollu li sofra biex stajna ksibna l-Fidwa; noffri lit-Trinità Qaddisa s-sens ta' ġabra li kellu u nipprova nimitah". "Fid-disa' jum noffri għal tlieta u tletin darba lil Missier Etern, id-Demm Għażiż ta' Ġesù Kristu, bi tpattija għad-dnubiet li jsiru fil-ġranet tal-Karnival... noffri lill-Feddej tagħna l-merti ta' San Ġużepp u qabel ma mmur norqod, quddiem is-SS. mu Sagrament intenni l-offerta tiegħi u ngħid tliet *Ave* u tliet *Glorja* f'ġieħ il-qalb ta' San Ġużepp".[56]

* "Il-ġimgħa tas-Sitt Ġimgħa nagħmel viżta lil Marija SS.ma tad-Duluri u ngħid l-Innu *Stabat Mater* nitlobha biex tikseb għalija mingħand Ġesù, il-grazzja li fis-siegħa ta' mewti jkolli miegħi lil San Ġużepp".[57]

*"Il-Qalb Mqaddsa (ta' Ġesù Tarbija) hija muġugħa minħabba fid-dnubiet tax-Xeħħa. Nipproponi f'ġieħ il-fqar li soffrew għalina Ġesù Marija u Ġużeppi biex ipattu għal dan id-dnub..."[58]

* "Bl-għajnuna kollha tiegħek nixtieq naqdi lilek biss, O Alla, f'għaqda waħda ma' Ġesù, Marija u San Ġużepp... u l-Qaddejja kollha tiegħek". "Viva Ġesù, Viva Marija, Viva San Ġużepp..."[59]

* "Illum... f'ġieħ iż-żwieġ bejn Marija SS.ma u San Ġużepp nixtieq..." "Viva Ġesù, Marija, San Ġużepp u ... Qaddisin oħrajn protetturi tiegħi".[60]

* "Nittama li ġurnata nkunu nistgħu ningħaqdu flimkien għal dejjem għall-merti ta' Ġesù, Marija, San Ġużepp... u l-Qaddisin kollha li nitlob l-għajnuna tagħhom fil-ħajja u fil-mewt".[61]

* "Din is-sitt ġebla nagħtiha f'idejn Marija SS.ma, San Ġużepp u San Benedittu, biex jippreżentawha lil Ġesù tiegħi, ħalli nikseb il-grazzja li aħjar immut, milli nonqos jew nagħti dispjaċir lil Alla tiegħi". [62]

## Siltiet mill-*Ġnien Mistiku*

Waqt it-tħejjija tal-*POSITIO*, il-Postulatur Prof.P.E.Piacentini OFM Konv., ikkummissjona lill-Monaku Benedittin Sublacensi[63], Dom Emanuele Remo Aresu OSB Subl., biex jagħmel studju profond fuq il-kitbiet, awtentiċi u mhux, tal-Beata M.Adeodata Pisani OSB. Dom Aresu (1933-2007) xtarr sewwa "Il-Ġnien Mistiku tar-Ruħ li tħobb lil Ġesù u lil Marija",[64] li l-Beata kitbet f'perjodu li jkopri madwar erba' snin mhux kontinwi, bejn il-15 ta' Awwissu 1835 u t-3 ta' Mejju 1843.[65] Bl-għerf u bl-ispiritwalità ta' Dom Aresu, sirna nafu ħafna iktar fuq il-ħajja ta' umiltà, ta' sagrifiċċju u fuq l-imħabba kbira lejn Alla u lejn il-proxxmu, tal-Beata.[66]

F'dan il-Ġnien Mistiku, iktar milli għamlet fis-siltiet li ktibna dwarhom, il-Beata, issemmi lil San Ġużepp b'rabta mal-Familja Mqaddsa. Wara kollox, anki fl-Evanġelji, il-ftit li jissemma', San Ġużepp dejjem marbut ma' Ġesù u ma' Marija. Meta bdiet tikteb il-Ġnien Mistiku, il-Beata kien għad lanqas kellha tletin sena, u għalkemm kienet ilha tmien snin biss fil- Monasteru, kienet diġà bdiet idduq mill-Ispiritwalità Benedittina u mill-Ħajja Interjuri Monastika. Mhuwiex xi trattat ta' livell għoli Letterarju, imma żgur fih elementi profondi li jixbħu lil dawk tal-Mistiċi l-Kbar bħal Santa Tereża




1884. Una Statua portatile di S. Giuseppe portante sul braccio destro il Bambino e colla mano sinistra tenente un bastone con gigli l'uno e l'altro d'argento, avente esso e il Bambino sulla testa un diadema d'argento: Dono del Signor Giuseppe Agius.

minn Avila, San Ġwann tas-Salib, San Bernard ta' Clervaux. Il-Beata M.Adeodata kienet diġa' fehmet li tilħaq ċerti gradi tal-Mistika ma kienx biżżejjed, għax is-Soru tal-Klawsura u Benedittina trid tgħix bis-sħiħ il-ħajja ntima tagħha m'Alla.

* Fl-Ismijiet Imqaddsa ta' Ġesù u Marija u ta' San Ġużepp, is-Sidien tiegħi, jiena Adeodata, nistqarr il-faqar tiegħi u d-dejn li għandi mal-Maestà Divina....[67]

*Noħroġ minni nnifsi biex ngħix ma' Ġesù fil-Għar, flimkien mal-Imqaddsa Marija u ma' San Ġużepp...[68]

*...noffri lill-Maestà Divina Tiegħu t-talb kollu tiegħi u l-opri kollha tiegħi flimkien ma' dawk ta' Ġesù, ta' Marija u ta' Ġużeppi.[69]

*Induru lejn is-Sid għall-għajnuna u mbagħad nitqabdu b'kull Qawwa: u dan nagħmluh taħt il-ħarsien tal-Patrijarka San Ġużepp li b'ġieħ lilu nixtiequ nieħdu ħsieb din is-siġra taċ-Ċipress.[70] Il-Mulej uriena li f'rokna ta' dan il-Ġnien hemm Għar biex fih nikkontemplaw lill-Bambin Ġesù, ma' Ommu u ma' San Ġużepp...[71]

*Illum fil-Festa tat-Tieġ tal-Imqaddsa Marija u tal-Għarus tagħha San Ġużepp offrejnielhom bukkett ta' ward bħas-soltu, u l-Mulej, bħala sinjal ta' gost għal dan, għoġbu jagħtina l-ħarsien speċjali ta' dan il-Qaddis kbir wara l-ħarsien tal-Imqaddsa Marija. Biex inwieġbu għal din il-grazzja speċjali nistqarru li rridu ngħixu fiduċjużi fit-tjubija ta' dan il-Protettur li lilu, wara Ġesù u Marija, nafu kull ġid tagħna, u speċjalment is-safa' tal-qalb.[72]

Din l-aħħar silta hija importanti ferm f'dak li għandu x'jaqsam mad-devozzjoni kbira li l-Beata kienet tħaddan, lejn San Ġużepp. Hija kienet fehmet fil-fond kemm San Ġużepp, wara Ġesù u Marija SS.ma, u qabel il-Qaddisin l-oħra kollha, kien tassew il-mudell, għaliha, bħala Soru tal-Klawsura. Iktar minn 150 sena wara, fil-fatt is-Serv ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II iħares lejn San Ġużepp bħala eżempju ħaj tar-ruħ kontemplattiva "dan is-skiet tiegħu b'mod speċjali jurina x'kienet is-sura tar-ruħ ta' dan il-bniedem."[73]

## Għeluq

Dom E. Remo Aresu OSB, ukoll, fl-istudju tiegħu jirreferi fost l-oħrajn u jsemmi lil San Ġużepp, bħala wieħed mill-Qaddisin ewlenin li l-Beata kellha devozzjoni lejhom. Skont Dom Aresu il-Beata kienet tgħaddi l-ġurnata intensa tagħha titlob, kultant bil-ħniena, u tagħmel proponimenti, spiss ripetuti anki għal mitt darba. Fl-istess ħin, iżda, juri l-iskantament tiegħu, u jistaqsi lilu nnifsu kif kien jirnexxielha tagħmel dan kollu u taqdi dmirijietha filwaqt li tlaħħaq mal-Ħajja Komunitarja. L-essenza fit-talb tagħha, skont dan il-Monaku għaref, kienet "fl-għajnuna li kienet titlob, fl-imħabba bla tarf, u l-interċessjoni li kontinwament kienet tistenna".[74]

Fi żmien il-Beata, il-Festa ta' San Ġużepp aktarx kienet issir f'Jannar, imma għaliha kull Festa u kull okkażjoni kienet tajba biex issemmi lil San Ġużepp, tfaħħru u tagħtih ġieħ. Ma neskludix, li bħalma kienet għamlet Santa Tereża ta' Ġesù, hija kienet fost l-ewlenin f'Malta li bdiet ixxerred id-devozzjoni lejn San Ġużepp. Il-Beata kienet titolbu f'kulma kienet teħtieġ, f'kull bżonn, u fuq kollox kienet tafda fih bis-sħiħ. Din id-devozzjoni, fil-Monasteru San Pietru, għadha ħajja sal-lum.

It-tagħlima xi xtaqt inwassal b'din il-kitba, hi: li jekk tassew inħobbu lil San Ġużepp, m'għandux ikollna biss devozzjoni superfiċjali, imma profonda u mimlija b'fiduċja sħiħa fih. Ejjew nitolbuh, bħalma kienet tagħmel il-Beata M.Adeodata Pisani OSB, u bħalha nintelqu fi ħdanu, żguri li se jidħol għalina f'kull hemm, jagħtina, jekk ikun jisthoqqilna, dak li nitolbuh bl-akbar ħrara, u jkun magħna fil-mument l-aktar gravi ta' ħajjitna, waqt li aħna nkunu se nroddu ruħna lil Alla.

[1] Matz,Terry.1996-2000, *Saints and Angels*, Catholic Online.

[2] Twieled f'Norcia fil-Provinċja tal-Umbria, fl-Italja fis-sena 480 u miet fl-Arċiabbazija ta' Montecassino fis-sena 547. Id-dati tat-twelid u tal-mewt huma diskutibbli.

[3] S.Benedittu, *Ir-Regola* 19, 3-4, 6.

[4] S.Benedittu, i*vi*, 73, 3

[5] Ara n.1

[6] Flask, Joseph. 2007, *San Ġużepp u l-Ordni ta' San Benedittu*, f'FESTA SAN ĠUŻEPP ĦAL KIRKOP 2007,pp.142-143

[7] *LITURGIA MONASTICA DELLE ORE*, 1998, Schema B, Praglia (PD) Italia, ara Presentazione: *Note introduttive*, p.VII. Skont l-iskema elaborata minn Dom Notker Füglister OSB..

[8] S.Benedittu, *ivi*, 18, 23

[9] *Ivi*, 43.3. Ovvjament qed jirreferi għall-Uffiċċju Divin.

[10] *Ivi*, 14; 58, 18-19

[11] Flask,Joe.2004,*Il-Beata Marija Adeodata Pisani u d-devozzjoni tagħha lejn San Ġużepp*, f'DAWL FRANĠISKAN, Marzu 2004, pp.22-24

[12] Flask, Joseph. 1999, *San Benedittu, IR-REGOLA*, Kap.14.

[13] *Ivi*, 14,1

[14] *Ivi*.

[15] Lentini, Anselmo. 1980, *San Benedetto, LA REGOLA*, 1980, 2ed., pp.208-209

[16] Dan il-Manuskritt illustrat , kien ġie kummissjonat minn Valent, Nisrani Ruman, sinjur ħafna, fis-seklu IV. Huwa magħruf ukoll bħala *Calendarium 354*.

[17] Jew *Codex–Calendarium 354* li huwa biss is-Sitt parti tal-opra sħiħa li tinkludi iż-żewġ Manuskritti l-oħra li semmejt.

[18] Minn fejn jinstiltu d-dati tal-Konsagrazzjoni tal-Isqfijiet.

[19] Iktar tard sar jissemma' *Martyrologium*. Fih wieħed isib id-dati tal-mewt tal-Qaddis jew Qaddisa,
jiġifieri l-jum li fih il-Qaddis/a twieled għall-Ħajja Eterna.

[20] Schuster, A.Ildefonso. 1940, *Note storiche su la Regula Monachorum di San Benedetto*, Torino, p.64
u ss. Ara wkoll Schuster, A. Ildefonso.1933, *Note storiche e liturgiche sul Messale Romano*,
Torino/Roma.



21 Schuster, A. Ildefonso. 1945, *Regula Monasteriorum*, Alba, p.124

22 Flask, Joseph. 1999, *ivi*.

23 *Ivi*, v.2

24 Lentini, Anselmo. 1980, *ivi*, p.208

25 Schuster, A.Ildefonso. 1945, *ivi*, p.125

26 Il-lista tal-Qaddisin kienet tixbah hafna lil dik li kienet ghadha tintuża minn San Petronaci (670-750), Abbati, meqjus bhala t-Tieni Fundatur ta' Montecassino. Ara wkoll Paolo, Diacono, *Historia Longobardorum*, u Archetti, Gabriele, *Petronace e Montecassino*.

27 Ara Kap.58, *Proċedura għad-Dħul fil-Monasteru*, vv. 17,19 fi Flask, Joseph. 1999, *ivi*.

28 *Ivi*, Kap.58, 17

29 Dan il-vot jiġbor fih il-voti tal-Faqar u tas-Safa'

30 Schuster, A.Ildefonso, 1945, *ivi*, p.354-355

31 Flask, Joseph. 1999, *ivi*, Kap 58, 19

32 Jista' jkun li fi żmien San Benedittu, in-Novizz, kien jikteb u jiffirma l-Karta tal-Professjoni dak il-ħin stess, imma, mhux esklużi li kienet tithejja minn qabel, anki minħabba l-fatt, li whud, ma kinux jafu jiktbu u dak in-nhar tal-Professjoni kienu jawtentikaw id-Dokument billi jagħmlu s-sinjal tas-Salib.

33 Din qegħda fi gwarniċ imdendel fuq wiehed mill-hitan tal-Kamra tal-Beata M.Adeodata.

34 Lentini, Anselmo. 1980, *ivi*, pp.524-525

35 RELATIO ET VOTA *Congressus Peculiari super virtutibus*, 2001

36 Flask, Joseph. 2001, *Il-Beata Marija Adeodata Pisani OSB*. Ara wkoll il-verżjoni bit-Taljan, tal-istess awtur pp.36-46

37 POSITIO *Super virtutibus*, 1994, "Elenco degli scritti della Ven.Serva di Dio" kif fl-Arkivju tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin – Sezzjoni Kanċellerija, pp.7-8

38 27 sena. Fi żmien ġimgħatejn kienet se tfakkar il-25 Anniversarju mill-Professjoni Monastika tagħha

39 POSITIO Super virtutibus, 1994, "Lineamenti di spiritualità della Ven.Adeodata Pisani ricavati dai suoi scritti", p.63. *Studju mhux ippubblikat imhejji minn Dom E.Remo Aresu OSB Subl. Ara wkoll Flask, Joe. 2004, *Ivi*, f'DAWL FRANĠISKAN, Marzu 2004, p.22

40 Oblates of St.Joseph, 2003, *Liturgical Feasts and Texts*, Part A/2

41 Ghal iktar tagħrif dettaljat fuq dan is-suġġett ara l-Artiklu tiegħi: *San Ġużepp u l-Ordni ta' San Benedittu*, f'FESTA SAN ĠUŻEPP HAL KIRKOP 2007

42 Dawn l-istqarrijiet jinsabu fil-POSITIO *Super virtutibus*, 1994, u r-RELATIO ET VOTA *Congressus Peculiaris super virtutibus*, 2001, preżentati lill-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, mill-Postulatur P.Prof.Ernesto Piacentini OFM. Konv fir-rigward tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni tas-Serva ta' Alla Maria Adeodata Pisani OSB

43 Madre M.Paola Galea OSB, Soru fil-Monasteru San Pietru-Mdina, li għexet ħames snin mal-Beata. Xehdet, bil-Malti, fil-Proċess Appostoliku *super Fama Sanctitatis Vitae, Virtutum at Miraculorum in genere* (**P.A.S.F.**), De Heroica Fide, Num. VII, § 10, p.143

44 Swor M.Maddalena Camilleri OSB, Soru fil-Monasteru San Pietru-Mdina, li għexet seba' snin mal-Beata. Xehdet, bil-Malti fil-P.A.S.F., *ivi*, § 23, p.146

45 Swor M.Feliċissima Parnis OSB, Soru fil-Monasteru San Pietru-Mdina, li għexet mal-Beata iktar minn għoxrin sena. Xehdet, bil-Malti, fil-P.A.S.F., *ivi*, § 32, p.148

46 Madre M.Adeodata Sayd OSB, Soru fil-Monasteru San Pietru-Mdina, li kienet taf lill-Beata qabel ma hija daħlet fil-Monasteru fejn diġa' kellha lill-oħtha. Xehdet bil-Malti fil-P.A.S.F., *ivi*, § 39, p.150

47 Lorenza Zammit, Xebba mill-Isla, u għalkemm sinjura, ma kienetx taf taqra u tikteb. Kellha 20 sena meta saret taf lill-Beata, għax kienet tmur iżżur lill-oħtha, Soru fil-Monasteru San Pietru. Fl-aħħar fażi tal-ħajja tal-Beata, is-Sinjorina Zammit, kienet tiltaqa' spiss mal-Beata u titħaddet magħha fit-tul u għalhekk saret taf ħafna fuq it-tfulija u l-edukazzjoni li l-Beata ħadet f'Napli. Xehdet, bil-Malti fil-P.A.S.F., *ivi*, § 47, p.152.

48 Ivi, § 49, p.153

49 Antonia Zammit, mill-Isla, armla u ta' nisel Nobbli. Oħt is-Sinjorina Lorenza Zammit. Kienet taf personalment lill-Beata għax kienet tmur għandha biex tgħallem it-Taljan u l-Latin. Xehdet, bil-Malti, fil-P.A.S.F., *ivi*, § 58, p.156

50 Swor M.Feliċissima Parnis OSB. Xehdet, bil-Malti, fil-P.A.S.F., ivi, De Pretioso V.S.D. Obitu, Num.XXI, § 19, p.309, Dwar Swor M.Feliċissima, ara wkoll n. 45

51 Is-siltiet se naqlibhom mill-ewwel għall-Malti.

52 POSITIO *Super virtutibus*, 1994, Esercizi di pieta' vari – Esortazioni e Proponimenti generali I, 67-68, p.74. Ara " Selezione di Scritti della Ven.Serva di Dio Suor M.Adeodata Pisani",

53 *Ivi*, p.76, Esercizio nel corso della Settimana

54 *Ivi*, p.78, Esercizio del S.Natale

55 *Ivi*.

56 POSITIO *Super virtutibus*, 1994, *ivi*, I, p. 79-80, Esercizio per santificare il tempo di Carnevale. Il-ġranet huma b'riferenza għall-Novena li bdiet it-Tnejn fuq is-Sessaġeżima fil-kuntest ta' ktejjeb li hija ssejjaħ: *Maniera di santificare il Carnevale*. Il-Ħadd tas-Sessaġeżma, li kien is-Sitt Ħadd tar-Randan qabel Ħadd il-Passjoni, m'għadux jeżisti fid-dawl tal-aħħar Riforma Liturġika.

57 *Ivi*, p.81, Esercizio per il tempo di Quaresima

58 *Ivi*, VIII, p. 107, Esercizi di affetti verso il nostro S.G.C. da farsi nel principio della giornata, - 2 ta' Jannar 1835

59 *Ivi*, X, p.120, Novena a Maria SS.ma. Il-Beata kitbet u bdiet din in-Novena fil-21 ta' Mejju( n. is-sena mhijiex definita) bit-tama li tikseb il-fejqan

60 *Ivi*, XII, p.127, Meditazione Spirituale su argomenti vari, – 23 ta' Jannar 1835

61 *Ivi*, p.129, 21 ta' Frar 1835. Riflessjoni wara l-mewt ta' Swor M.Fortunata, Soru fil-Monasteru San Pietru, li ħalliet imressjoni sabiħa fuq il-Beata.

62 *Ivi*, XIX, p. 144, Considerazione sull'amore di Dio verso gli uomini: "Ha patito il Signore nel vedersi abbandonato"

63 Kongregazzjoni Benedittina ta' Subiaco

64 *Ivi*, Lineamenti di Spiritualità della Ven.Adeodata Pisani ricavati dai suoi Scritti, p.49. Ara "Posizione sugli Scritti". Din il-kitba hija magħrufa wkoll sempliċement bħala Giardino Mistico bit-Taljan jew kif se nkomplu nirreferu għalih fil-kitba tagħna, Il-Ġnien Mistiku, bil-Malti.

65 Cauchi, Nikol G., 1996, Introduzzjoni, p.3, fi "Ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba", maqlub għall-Malti minn Mons.G.B.Gauci

66 Editur, 2007, Syntagma, I (April-Ġunju)-2. Fuljett ta' kull tliet xhur maħruġ mis-Sorijiet Benedittini tal-Klawżura tal-Monasteru San Pietru Mdina.

67 Gauci, Gwann Bosco, 1996. *Ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba*, p.14. Ara wkoll n.18

68 *Ivi*, p.15

69 *Ivi*, p.17

70 *Ivi*, p.29. Interessanti ħafna li għal M. Adeodata huwa San Ġużepp li jista' jħarisna fil-ħtiġijiet ta' ruħna.

71 *Ivi*.

72 *Ivi*, pp.30-31

73 Ġwanni Pawlu II, 1989, *Il-Persuna u l-Missjoni ta' San Ġużepp fil-Ħajja ta' Kristu u tal-Knisja*, Eżortazzjoni Appostolika. Ara traduzzjoni bil-Malti minn Lupi, Ġużeppi, 1990, p.27, Nru.25

74 Aresu, E.Remo, *Vita monastica: Osservanza, Povertà, Preghiera*, V, pp.65-67, f'POSITIO *Super virtutibus*, 1994, Lineamenti di Spiritualità della Ven.Adeodata Pisani ricavati dai suoi Scritti



